# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 91/2021 BS**

**James Paul Formosa**

**-vs-**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. *"Illi fl-4 ta' Jannar 2017 ftit hin wara nofsinhar ir-rikorrenti kien qiegħed fl-istabbiliment Homemate gewwa l-Imrieħel u waqt li kien hiereg mill-imsemmi stabbiliment ġie mwaqqaf minn uffiċjal tas-sigurtà tal-imsemmi stabbiliment wara li dan kellu suspett li James Paul Formosa kien seraq xi oggetti wara li għadda mill-counter u ma ħallas għal xejn. Huwa għadda sabiex iżomm lill-esponenti milli joħrog mill-istabbiliment u ħadu fil-boardroom tal-istess stabbiliment sakemm waslu l-Pulizija.*

2. *Illi hekk kif waslu l-Pulizija, dawn bdew il-procedura ta' tfittxija fuq persunt l-attur fejn ipproċedew nażżewh għarwien quddiem l-istess*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4.

*uffiċjal tas-sigurta u wara li irriżulta li l-esponenti ma kien seraq xejn huwa ġie rilaxxat.*

3. *Illi l-aġir tal-Pulizija kien abbużiv u illegali u illeda d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk sanciti mill-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan kif ikkonfermat permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet James Paul Formosa vs Kummissarju tal-Pulizija Et. Rik. Nru. 39/2017 RGM.*

4. *Illi b'konsegwenza tat-trattament de quo, r-rikorrent soffra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal- kawża.*

5. *Illi minkejja interpellat diversi drabi permezz tal-Protesti Ġudizzjarji bin-numri 433/2020, 10/2019 u 22/2017 1-intimat baqa' inadempjenti.*

6. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża."*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa responsabbli għad-danni kollha li sofra r-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident tal-4 ta' Jannar 2017 sureferit;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni pekunarji.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Protesti Ġudizzjarji bin-numri 433/2020, 10/2019 u 22/2017 sureferiti."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju th-Pulizija[2] illi eċċepixxa:**

[2] Risposta guramentata a fol 12 u 13.

1. *"Illi l-intimat qiegħed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn għandhom jiġu michuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż;*

2. *Illi l-esponent jeċepixxi illi ai termini tal-artikolu* ***158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qiegħdin jiġu kontestati u jeħtieġ illi jiġu provati;*

3. *Illi l-esponent ma kkawża l-ebda danni lir-rikorrenti u m'għandux jiġi kundannat iħallas l-ebda somma lill-istess;*

4. *Illi l-esponent jeċepixi illi r-rikorrent irid jistabilixxi ness bejn l-aġir tal-esponent u d-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti u jeħtieġ ukoll illi r-rikorrent iressaq provi ċari u inkonfutibbli tad-danni pretiżi minnu;*

5. *Illi l-akkadut tall-4 ta' Jannar 2017 kien l-ezitu ta' investigazzjoni tal-Pulizija li skattat fuq rapport ta' allegat serq minn uffiċċjal tas-sigurta wara li r-rikorrent kien qed jagixxi b'mod suspettuz; liema allegazzjoni l-Pulizija kellhom id-dmir u l-obbligu li jinvestigawha skont il-ligi;*

6. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċepixxi illi ai termini tal-artikolu* ***1030 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta****, kull min jeżerċita dritt tiegħu mhux responsabbli għal danni li jistgħu jiġru sakemm il pretensjoni tiegħu ma tkunx arbitrarja jew kapriċċuża li certament mhux il-każ fil-każ odjern. Illi f'dan il-każ imkien ma jirriżulta illi saret perkwiżizzjoni in mala fede;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż"*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2022 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħat talba tal-attur għall-allegazzjoni tal-atti tar-rikors ġuramentat numru 39/2017 fl-istess ismijiet odjerni liema rikors kien deċiż nhar it-30 ta' Ġunju, 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali.[3]

[3] Verbal a fol 16.

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' April, 2022 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2023 il-konvenut iddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' April, 2023 il-konvenut talab li jinħatar espert psikjatriku sabiex jikkonstata l-qagħda psikika tal-attur u jekk l-istess hijiex ta' natura permanenti.[6]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-28 ta' April, 2023 l-attur oppona għat-talba għall-ħatra ta' espert psikiku bil-Qorti rriservat li tipprovdi kameralment.[7]

**Rat** id-diġriet tat-2 ta' Mejju, 2023 fejn ġie meqjus opportun u fl-interess tal-ġustizzja li jinħatar espert psikiku b'dan li nħatar il-Psikjatra Prof. Anton Grech sabiex jikkonstata l-qagħda psikika tal-attur u jekk l-istess hijiex ta' natura permanenti.[8]

**Rat** ir-relazzjoni tal-espert Psikjatra Prof. Anton Grech datata s-27 ta' Lulju, 2023.[9]

**Rat** li fl-udejzna tas-7 ta' Frar, 2024 il-partijiet iddikjaraw li ma' kienux ser jeskutu lill-espert psikjatra bil-kawża ġiet differita għall-preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet, it-trattazzjoni, kif ukoll għal-llum għas-sentenza.[10]

**Rat** li fl-10 ta' April, 2024 l-attur talab l-awtorizzazzjoni sabiex jeżebixxi FS3 tas-sena 2022 li ma' kienx ġie nkluż mad-dokumenti eżebiti mix-xhud rappreżentant tal-Universita' ta' Malta peress li l-istess kien xehed qabel dan inħadem.[11]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, kif ukoll dawk tar-rikors ġuramentat numru 39/2017 fl-istess ismijiet odjerni, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

---

[4] Verbal a fol 28.
[5] Verbal a fol 92.
[6] Verbal a fol 102.
[7] Verbal a fol 102.
[8] Diġriet a fol 104.
[9] Relazzjoni a fol 119 sa 121.
[10] Verbal a fol 123.
[11] Rikors a fol 126 u 127. FS3 relattiv a fol 128

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[12]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**James Paul Formosa**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[13]

Xehed b'żieda max-xhieda li kien diġa' ta' fil-kawża numru 39/2017 billi eżebixxa kopja tal-FS3 tiegħu għas-snin 2016 sal-2019 u jikkonferma li l-istess juri dak li kien id-dħul tiegħu.

Iżid li huwa għadu taħt il-kura ta' Dr. Joseph Spiteri.

**In kontro-eżami,[14]** xehed li huwa għadu taħt il-kura ta' Dr. Spiteri. Jgħid li safejn jaf hu qabel l-inċident tal-2017 huwa ma' kellu ebda problema ta' saħħa mentali.

Mistoqsi jekk fil-familja hemmx kwistjonijiet ta' saħħa mentali jgħid li [cit] *"statemented le"*.

Mistoqsi jekk fil-passat kellux xi trawma simili għal dik tal-2017 jgħid [cit] *"statemented le"*.

Mistoqsi jekk wara l-inċident tal-2017 kienx hemm progress fil-kundizzjoni tiegħu jgħid li bis-saħħa ta' Dr, Spiteri iva.

Jgħid li kieku lura fl-2017 martu ma' mbuttatx sabiex jara professjonist, hu ma' kinex jaħseb li ma' kienx jinsab tajjeb għax ma' kienx jirrealizza. Iżid li minkejja dan kien irritabbli u dejjem irrabjat. Jgħid li kien jevita li joħroġ specjalment jekk ikun jaf li fil-post ser ikun hemm gwardjan jew pulizija.

Jgħid li anke b'li jirrikjama l-inċident fil-Qorti jiġi anzjuz.

[12] Nota tal-attur a fol 129 sa 138. Nota tal-konvenut a fol 143 sa 178.
[13] Affidavit a fol 20.
[14] Traskrizzjoni, in parte bil-lingwa Ngliza tradotta minn din il-Qorti, a fol 40 sa 42.

Jgħid li l-mediċinali jgħinu iżda ma' jsolvux il-porblema. Iżid li issa jinsab f'post aħajr minn fejn kien qabel iżda xorta għadu jkollu ljieli fejn ma' jorqodtx.

Jgħid li għadu s'issa kull meta jara pulizija taqbdu rabja.

Jaqbel li dakinhar tal-inċident huwa nżamm fl-istabbilimnet mill-uffiċjal tas-sigurta' ta' l-istabbiliment stess.

Jaqbel li għadu sal-lum jaħdem bħala assistant lettur fl-Universita' ta' Malta.

Jaqbel li bejn l-2018 u l-2019 huwa gawda minn żieda fil-paga. Jgħid li dan stante li fl-2017 bidel ix-xogħol tiegħu.

Jaqbel allura li huwa bħala paga mar 'il quddiem.

Mistoqsi jekk allura huwiex jara progress fil-karriera tiegħu jgħid li jittama iżda mhux ċert.

Jaqbel li fil-kawża Kostituzzjonali ġie assenjat kumpens ta' elf Ewro.

**Charlene Calleja**, mart l-attur, xehdet permezz ta' affidavit.[15]

Tiddikjara li hija ilha taf lill-attur 'il fuq minn 20 sena b'dan li ilhom miżżewġin 'il fuq minn 10 snin.

Tgħid li lill-attur dejjem tafu ferrieħi u soċjevoli.

Tgħid li wara l-inċident tal-*Homemate* l-animu tal-attur inbidel drastikament. Iżżid li sar aġitat, nervuż, u faċilment irritabbli. Tgħid li beda jqum mal-lejl u ma' jkunx jista jorqod. Iżżid li stqarr magħha li kien qed ikollu ħolm intruživ li jqajmu.

Tiddikjara li anke matul il-ġurnata kien qed jaqla argumenti fuq affarijiet ta' kuljum. Iżżid li jekk ma' kienux ikunu jargumentaw kien ikun irid joqod waħdu u 'l bod min-nies. Iżżid li ma' baqax soċjevoli b'dan li la ried jara ħbieb u anqas familja.

---

[15] Affidavit rilaxxat bil-lingwa Ngliza a fol 27 u 27a. Traduzzjoni sintesizzata minn din il-Qorti.

Tiddikjara li l-attur beda jibża jmur positijiet pubbliċi u jiltaqa' man-nies. Iżżid li jekk kien jara pulizija jew uffiċjal tal-pulizija mal-bieb kien jirrifjuta jidħol.

Tgħid li qabel l-inċident l-attur kien l-oppost; iħobb jitħallat man-nies u jitkellem. Iżżid li wara l-inċident sar retiċjenti u suspettuż dwar in-nies anke dawk li qabel kienu qribu ħafna.

Tiddikjara li hija ħasbet li din kienet fażi li l-attur kien ser joħroġ minnha. Tgħid li minkejja dan iż-żmien baqa' għaddej u l-imġieba tal-attur gravat. Tgħid li kien hawn li rrealizzat li l-attur kellu bżonn għajnuna professjonali.

Tgħid li inizjalment l-attur irrifjuta li jmur għall-għajnuna. Iżżid li eventwalment ċeda u qabel li jikkonsulta psikjatra.

Thid li f'Lulju tal-2017 l-attur mar għand Dr. Joseph Spiteri. Iżżid li hawn l-attur qalilha li ġie dijanjostikat bil-PTSD u ġie preskritt xi mediċinali li kien xtara u beda jieħu.

Tgħid li hi baqgħet inkwetata għax ma' ratx progress immedjat. Iżżid li minkejja dan wara qisu xahar u nofs jew xahrejn bdiet tara kambjament.

Iżżid li l-kambjament kien gradwali iżda sinjifikanti. Iżżid li bdiet tara lill-attur jittrasforma għal kif kienet tafu qabel l-inċident. Tgħid li minkejja dan l-attur ma' ridtx jemmen li xi ħaġa hekk setgħet affetwatu tant b'dan li baqa' beżgħan li terġa tiġrilu xi ħaġa simili. Tgħid li għalhekk dan l-inċident ħalla effett detrimentali fuqu.

Tiddikjara li minkejja l-progress li għamel bl-għajnuna li fittex u rċieva, minn wara l-inċident l-attur qatt ma' reġa' ġie eżatt kif kien. Iżżid li kultant jirkadi b'dan li għadu taħt il-kura ta' Dr. Spiteri.

Tgħid li l-attur qalilha li l-kundizzjoni tiegħu hija kronika u li ser ikollu jkompli jiehu l-mediċinali u jibqa taħt kura ta' psikjatra għall-kumplament ta' ħajtu.

**Is-Surgent Bjorn Schembri** xehed permezz ta' affidavit.[16]

Jiddikjara li fl-2017 huwa kien stazzjonat fl-għassa ta' Hal Qormi.

Jgħid li ma' dak li diġa' xehed fil-kawża numru 39/2017, iżid li nhar l-4 ta' Jannar, 2017 il-pulizija ġew msejħa minn uffiċjal tal-*Homemate Company Limited* sabiex jinvestigaw allegat serq.

Jgħid li meta l-attur ittieħed f'kamra privata tas-soċjeta' imsemmija ġiet spjegata lilu l-proċedura ta' tfitxija.

Jiddikjara li bħala proċedura huma jagħtu l-għażla lill-individwu dwar x'tip ta' tfitxija ssir fuqu. Iżid li jiġri li jkun hemm każijiet fejn persuna, għal raġunijiet varji, anke spiritwali, ma' jkunx jista jsirilha' *strip search* b'dan li minflok issir *pat search*.

Jgħid li f'dan il-każ partikolari kien l-attur stess li aċċetta li ssir tfitxija fuqu u wara li fehmuh x'kienet tikkomprendi l-proċedura huwa aċċetta li din issir.

Jiddikjara li l-investigazzjoni saret skont il-liġi u wara li kien hemm suspett raġjonevoli b'dan skatta d-dmir u l-obbligu tal-pulizija li jipproċedu.

**In kontro-eżami**,[17] xehed li fejn persuna, wara li tingħata l-għażla, ma' tkunx komda bi *strip search* huma jipproċedu b'*pat search*.

Jgħid li ovvjament il-persuna trid turi li ma' tkunx komda bi *strip search*.

Jgħid li huwa issa jaħdem l-ajruport fejn jekk persuna Musulmana tgħid li mhix komda tneħħi oġġetti ta' ħwejjeġ minħabba r-Reliġjon huma ma' jinsistux.

Jgħid li jekk persuna tikkopera huma jmexxu. Jaqbel għalhekk li jekk persuna ma' tgħid xejn u tibda tinża huwa ma' jarax problema.

Mistqosi għalfejn fil-każ in partikolari għażel li jagħmel *strip search* mhux *pat search* jgħid li l-oġġett li ssuspettaw li nsteraq jista jinħeba kullimkien.

---

[16] Affidavit a fol 30.
[17] Traskrizzjoni a fol 96 sa 100.

Iżid li huma spjegaw lill-attur x'kien ser jiġri u dan ma' oġġezzjonax anzi beda jneħħi ħwejġu u huma waqfuh sakemm spjegawlu kollox.

Mistoqsi x'kien l-oġġett suspettat jgħid li ma' ġiex stabbilit għaliex fit-tfitxija ma' nstab xejn.

Mistoqsi għalfejn ma' ikkonsultawx il-filmat tas-CCTV qabel proċedew bit-tfitxija jgħid li huma taw l-għażla lill-attur li deher mgħaġġel. Jgħid li huma dejjem jippruvaw inaqqsu l-ħin li persuna tinżamm arrestata. Jgħid illi li kieku għadu l-ewwel jaraw il-filmati ta' kull kamera li hemm fl-istabbiliment kienu jżommuh għal ferm aktar ħin. Iżid li għalhekk taw l-għażla lilu – lill-attur – u huwa għażel li ssirlu tfitxija.

Riferut għal fol 84 tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti hemmhekk irriteniet *"Il-Qorti qiegħda għalhekk tikkonkludi li mhux minnu dak allegat mill-pulizija li kien ir-rikorrenti li nsista magħhom li jagħmel strip search qabel ma' jaraw is-CCTV. Il-provi juru mod iehor. Hu evidenti li l-uffiċjali tal-pulizija ma qalux il-verita' f'attentat biex jiskolpaw ruhhom mill-fatt li naqsu serjament meta ma' nsistewx li jaraw il-filmat qabel ma jifformaw opinjoni dwar jekk l-istrip search kienx necessarju"*; u mistoqsi x'għandu xi jgħid ġjaladraba qiegħed jerġa jirrepeti l-pożizzjoni li kien ħa f'dawk il-proċeduri, jgħid illi li l-Qorti tgħid li ma' qalx il-verita' m'għandux mis-sewwa.

Jinsisti li huwa dejjem qal il-verita'. Jerġa jgħid li huwa lill-attur tah l-opzjonijiet, kif dejjem jagħmel ma' kulħadd. Jispjega li l-opzjonijiet kienu li jew idumu aktar sabiex jaraw il-filmati jew inkella ssir tfitxija fuq il-persuna tal-attur.

Mistoqsi mill-Qorti jekk lill-attur spjegalux li kellu jinża' għal kollox jgħid li iva. Iżid li qalulu li ser issir *strip search* peress li l-oġġett suspettat kien żgħir.

Mistoqsi mill-Qorti għalfejn iqisu *strip search* neċessarja fuq oġġett tant żgħir jgħid li huma jissejjħu mill-istabbilimenti li anke fuq oġġetti ta' ftit ċenteżmi jinsistu li jmorru l-pulizija. Jgħid li huma f'dak il-każ obbligati jipproċedu.

Jinsisti li huma lill-attur tawh l-opzjoni b'dan li wara li saret l-i*strip search* u huwa qal lill-attur li setgħa jmur dan xorta baqa' jistennih imur jara l-filmati tas-CCTV.

Mistoqsi kif issa jgħid li l-attur rid jistennih meta qabel qal li l-attur deher mgħaġġel jgħid li l-atteġjament inbidel u huwa ma' jafx għalfejn ġara hekk.

Mistoqsi jekk jafx li l-attur rrekordja l-inkontru kollu dakinhar tal-inċident jgħid li sar jaf wara għax qal fil-Qorti.

Mistoqsi jafx li mir-rekording li ħa l-attur ma' jirriżultax li lill-attur tawh l-opzjonijiet kif qiegħed jinsisti li tawh jgħid li potenzjalment il-filmat ġie manipolat.

Mistoqsi jafx li fil-proċeduri Kostituzzjonali tqabbad espert li qal li l-filmat li ttieħed mill-attur ma' kienx manipolat ma' jirrispondix.

Mistoqsi kemm kien hemm nies fil-kamra fejn saret it-tfitxija fuq l-attur waqt li kienet qed issirlu tali tfitxija jgħid li kien hemm l-attur, hu, żewġ kollegi tiegħu, Kuntistabbli, u l-aġent ta' sigurat tal-istabbiliment li kien fuq in-naħa l-oħra u ma' kienx qed jara x'qed jiġri.

Jispjega li waqt it-tfitxija l-attur kien f'kantuniera, mdawwar sabiex ma' jidhirx. Iżid li f'nofs il-kamra kien hemm mejda b'elmo ta' mutur tal-pulizija u ġakketta fuqha li wkoll kienet tgħatti. Iżid li l-aġent ta' sigurta' tal-istabbiliment kien in-naħa l-oħra tal-kamra b'dahru lejhom.

Mistoqsi kif jispjega li fil-filmat tali aġent jinstema jgħidilhom ifittxu f'but partikolari jgħid li għalkemm ma' kienx qiegħed jara kien qiegħed jisma x'qed jiġri.

Mistqosi mil-Qorti, l-avukat difensur tal-attur jiċċara li l-filmat imsemmi li ttieħed mill-attur ġie traskritt bit-traskrizzjoni tiegħu tinsab fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 39/2017.

**Joseph Calleja**, rappreżentant ta' l-Univerista' ta' Malta, xehed[18] billi eżebixxa rendikont tal-paga u benefiċċji li l-attur irċieva mis-sena 2017 sas-sena 2022.

[18] Traskrizzjoni a fol 53a u 53b.

**Dr. Joseph Spiteri**, psikjatra, xehed[19] li l-attur huwa pazjent tiegħu.

Jgħid li l-PTSD hija kundizzjoni li sseħħ wara sitwazzjoni li persuna tipperċepixxi bħala *life-threatening*.

Iżid li wara tali inċident dik il-persuna ssibha diffiċli ħafna sabiex tgħix normali kif ukoll tiżviluppa ħsibijiet negattivi, kontra-produttivi, u intrużivi, diżordni fl-irqad fejn ikollha ħafna ħolm ikrah, u l-funzjonalita' tagħha tmur lura għax ikun hemm ukoll sintomi ta' dipressjoni.

Jgħid li fil-każ *de quo* l-attur jista' jkun jagħti lezzjoni u jiġih ħsieb dwar dak li ġralu fl-2017 li ma' jkunx jista jiskarta – għalhekk jissejjaħ ħsieb intruživ.

Jgħid li sitwazzjoni ta' PTSD tiġi regolata b'*anti-depressants* kif ukoll billi jsiru sezzjonijiet ta' terapija ta' support.

Jgħid li persuna tista tfiq mill-PTSD iżda fil-psikjatrija jekk jaraw li jkunu qabżu sentejn u l-istess tkun għadha preżenti huma jikkwalifikawha bħala permanenti.

Jgħid li fil-każ tal-attur il-kundizzjoni tiegħu għadha tiskatta b'dan li jkollu okkażżjonijiet fejn xi ħaġa li tiġrilu tieħdu lura għall-inċident u jerġaw jitfaċċaw is-sintomi ta' dakinhar tal-inċident.

Riferut għal-ġurnal mediku dwar is-saħħa mentali li jgħid li 50% tal-pazjenti bil-PTSD jirkupraw, jgħid li jibqa iżda l-50% l-oħrajn. Iżid li huwa jrid jitkellem fuq il-każ in partikolari tal-attur li għadu ma' rkuprax u allura jaqa' fil-50% li ma' jirkuprawx.

Mistoqsi jekk l-attur semmielux li kien biss l-aġir tal-pulizija li waqqaw fi trawma jew jekk kienx ukoll l-aġir tal-aġent ta' sigurta' ta' l-istabbiliment jgħid li huwa jaħseb li t-tnejn affetwawh.

Jgħid li l-attur jaf ikun tajjeb imbagħad ikollu inċident li jixħtu lura. Isemmi inċident li kellu ma' superjur fuq ix-xogħol li skattalu l-emozzjonijiet ta' meta saritlu t-tfitxija fl-2017. Iżid li hawn l-attur mar għandu fi stat ħażin ħafna u kellu jżidlu l-mediċina.

[19] Traskrizzjoni a fol 88 sa 90.

Mistoqsi jekk hux kull sitwazzjoni jew sitwazzjonijiet partikolari li jiskattaw dawn il-ħsibijiet b'dan li sitwazzjonijiet partikolari jkunu jistgħu jiġu evitati, jgħid li fil-każ tal-attur ġie *cornered* minn superjur tiegħu b'dan li ma' setgħax jitlaq. Jgħid li tali aġir ġab lura f'moħħ l-attur dak li ġralu fl-2017. Jgħid li naturalment dak li jista jiġi evitat għandu jiġi evitat iżda każ bħal dan fejn superjur mar fuqu ma' jistax ikun evitat.

**In kontro-eżami**,[20] jgħid li anke meta l-attur ikun f'qagħda tajba dan xorta jkun taħt mediċinali. Jiċċara għalhekk li meta jgħid li l-attur ikun tajjeb dan ifisser li jkun funzjonanti grazzi għal mediċinali.

Mistoqsi kemm jaħseb li l-attur irid idumm jieħu l-mediċinali jgħid li minn tal-inqas ħames snin oħra – N.B. *ix-xhud qed jixhed fl-2023*.

Jaqbel għalhekk li s-sitwazzjoni tal-attur hija ndubjament kronika.

**Il-Qorti rat ukoll** ir-relazzjoni tal-espert Psikjatra Prof. Anton Grech datata s-27 ta' Lulju, 2023.[21]

F'din l-istess, l-espert psikjatra, wara li ppremetta li huwa ltaqgħa ma', u intervista lill-attur, ta' rendikont in suċċinċt tad-dettalji tal-inċident li wasslu għall-każ odjern kif spjegati lilu mill-attur kif ukoll tal-fattispeċi personali dwar l-attur.

L-istess espert psikjatra kompla mbagħad sabiex rrelata li sa' mid-data tal-inċident ossia, l-4 ta' Jannar, 2017 meta l-attur ġie *strip searched* mill-pulizija fl-istabbiliment *Homemate*, huwa beda jsoffri minn stress u rritabbilita'.

Ikompli li l-aktar li l-attur jiftakar mill-inċident huwa kif ma' ingħatax l-opportunita' jagħti l-verzjoni tiegħu.

Iżid li l-attur spjegalu li minn dakinhar ta' l-inċident:

- kull meta jsib ruhu mħasseb li jista' ma' jingħatax l-opportunita' jispjega ruħu, isir anzjus u aġitat b'dan li jsib ruħu jevita lill-kollegi u kull ma' jista jikkawżalu stress;

[20] Traskrizzjoni a fol 90.
[21] Relazzjoni a fol 119 sa 121.

- li meta jkollu kwistjoni ma' xi ħadd, jibqa jewden dwarha għal żmien twil, u saħansitra jqum bil-lejl jewden;
- li beda jkollu episodji ta' *"derealization"* fejn kollox isir aktar eċċentwat, il-kuluri jsiru aktar qawwijin, u saħansitra jsib ruħu ma' jagħrafx persuni quddiemu;
- li sar jevita lill-pulizija u aġenti ta' sigurta' għax ifakruh fl-episodju;
- li jħossu responsabbli li ma' telgħaqx mill-post meta kien hemm il-pulizija;
- li jevita attivatijiet soċjali għaliex ma' jridtx li jiġi f'pożizzjoni fejn ikollu jgħid le;
- li meta jkun taħt stress l-irqad tiegħu jiġi severament affetwat u jiġu lura dawk is-sentimenti li ħass dakinhar tal-inċident u l-fatt li ma' setgħa jagħmel xejn fir-rigward;
- li minn dakinhar tal-inċident l-abilita' tiegħu li jaħdem naqset b'dan li jaħdem anqas milli kien qabel għaliex ma' jistax iżomm mad-*deadlines*. Iżid li għalhekk ma' setgħax iżomm xi *part-time jobs* li kellu qabel filwaqt li fix-xogħol kurrenti tiegħu qed isibha aktar u aktar diffiċli li jkampa ma' l-istress u mhux qed jirnexxilu jkopri mansjonijiet li ma' jaqawx prettament taħt ir-responsabbilita' tiegħu b'dan li tilef il-flessibilita'.

L-espert psikjatra jgħaddi mbagħad sabiex jagħti rendikont tal-fatt li sa' mill-2017, sena tal-inċident, l-attur qiegħed taħt il-kura tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri u qiegħed jieħu wkoll 5 mg tal-mediċinali *Cipralex* u 0.5 mg ta' dik *Fuanxol* kuljum filwaqt li jattendi wkoll il *Counselling Services* ta' l-Universita' ta' Malta u beda wkoll l-*EMDR Sessions*.

L-espert psikjatra jirrelata li qabel l-2017 l-attur ma' kien ibgħati minn ebda marda psikjatrika.

L-espert jgħaddi imbagħad għall-eżami proprja tal-attur fejn jgħid li:

- Waqt l-eżami l-attur kien kooperattiv u trankwil iżda sar aġitat diversi drabi, speċjalment meta kien jitkellem dwar l-episodju li kellu mall-pulizija;
- Id-diskors tal-attur huwa normali, ton normali, veloċita' u rata normali;
- L-attur isofri minn *insomnia* meta jkun taħt stress, anke jekk tali stress ikun minimu;

- L-attur isofri bl-anzjeta anke ma' stress minimum, partikolarment meta jsib ruħu f'pożizzjoni fejn jibża li ma' jistax jispjega ruħu;
- L-attur għandu rritazzjoni persistenti;
- M'hemmx evidenza ta' delużjonijiet għalkemm l-attur jhewden;
- M'hemmx evidenza ta' anormalitajiet u l-funzjoni konjittiva tiegħu hija tajba.

Jikkonkludi għalhekk li l-attur qiegħed isoffri minn *Post Traumatic Stress Disorder* b'riżultat ta' l-inċident li kellu mal-pulizija fl-2017 u li, minkejja li qiegħed jirċievi kura kemm medika kif ukoll psikjatrika, is-sintomi għadhom hemm u qed ikollhom effett ta' indeboliment fuqu.

Iżid li mhuwiex faċli jingħad jekk tali sintomi humiex ser jibqaw hemm, jekk hux ser jonqsu, jew jekk hux ser jieqfu f'xi waqt fil-futur. Ta' minn iżda jżomm f'moħħu li wara sitt snin is-sintomi għadhom hemm.

Jgħid li skont il-kriterji legali l-attur qiegħed ibgħati minn diżabilita' ta' 8%.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-attur, wara li ppremetta li nhar l-4 ta' Jannar, 2017 f'xi hin wara nofsinhar waqt li kien qiegħed fl-istabbiliment *Homemate* fl-Imrieħel gie mwaqqfa mill-uffiċjal tas-sigurta' tal-istess stabbiliment fuq suspett ta' serq u, wara li ttieħed f'*boardroom* tal-istess stabbiliment fejn inżamm sakemm waslu l-pulzija, ġie hemm mill-pulizija assoġġetta għal-tfitxija fuq persuntu fejn tneżża minn ħwejġu, bir-riżultat li soffra danni konsistenti f'*dmanum emergens* u *lucrum cessans*, talab [i] dikjarazzjoni li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija huwa responsabbli għad-danni kollha li soffra b'konsegwenza tal-inċident tal-4 ta' Jannar, 2017; [ii] il-likwidazzjoni tal-istess danni, u; [iii] ordni sabiex il-konvenut imsemmi jħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż.

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija laqgħa għal dan billi kkontesta l-fatti kollha kif dikjarati mill-attur u kkontesta wkoll it-talbiet kollha ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Eċċepixxa wkoll li huwa ma'

ikkawża u m'għandu jħallas ebda danni lill-attur. Eċċepixxa ulterjorment li jeħtieġ li l-attur jistabilixxi ness bejn l-aġir tiegħu – konvenut – u d-danni allegatament sofferti minnu – attur, b'dan li l-akkadut tal-4 ta' Jannar, 2017 kien l-eżitu ta' investigazzjoni skattata fuq rapport ta' allegat serq li l-pulizija kienet fid-dmir u l-obbligu li tinvestiga. Finalment, eċċepixxa wkoll li huwa aġixxa ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, u allura mhuwiex responsabbli għad-danni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

***Responsabbilita':***

Huwa ċar li f'kawża għal danni bhal din odjerna l-ewwel li trid tiġi stabbilita hija r-responsabbilita' u b'hekk in-ness bejn l-aġir tan-danneġġjant u l-ħsara sofferta mid-danneġġjat.

Ta' rilevanza hawnhekk huma l-Artikoli 1030 u 1031 tal-Kap. 16 Liġijiet ta' Malta li jipprovdu kif isegwi:

> **1030**. *Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.*
>
> **1031**. *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

Naturalment, fil-każ odjern, l-attur jallega li ġarrab ħsara li jattribwixxi għal-aġir tal-konvenut.

Da parti tiegħu, il-konvenut fl-istadju tar-risposta ġuramentata tiegħu kif ukoll tul il-ġbir tal-provi jinsisti li huwa aġixxa b'mod li la kien kapriċċuż u anqas arbitrarju b'dan li ma' saret ebda perkwiżizzjoni in *male fede* iżda huwa għamel biss użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss mentri, aktar tard, u biss fl-istadju tan-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu, jidher jittenta jimplika lis-soċjeta' *Homemate Company Limited*, fejn seħħ l-akkadut tal-4 ta' Jannar, 2017, bħala wkoll responsabbli għall-akkadut[22] b'dan li jittenta għalhekk jattribwixxi responsabbilita' kontributorja lil tali soċjeta'.

Minkejja dan, il-fatti speċie tal-każ odjern ma' jistgħux ikunu aktar ċari.

[22] Ref. para. 8 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut li jibda fil-pagna tan-nota a fol 149 kif ukoll l-ahhar zewg paragrafi fil-pagna tal-istess nota li tinsab a fol 177.

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar u nkontestat li l-attur kien fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* nhar l-4 ta' Jannar, 2017 fejn, wara li ttenta jsib dak li kien qiegħed ifittex waħdu, u fis-sular ta' isfel tal-istess stabbiliment, staqsa mpjegat tal-istabbiliment fejn setgħa jsib dak li kien ifittex u ġie dirett fis-sular ta' fuq. Darba fis-sular ta' fuq reġa' ttenta jsib dak li kellu bżonn waħdu iżda meta reġa' ma rnexxilux kellem impjegat ieħor tal-istess soċjeta' li din id-darba urih prodott li ma' kienx jgħodd għalih u hawn proċeda sabiex jitlaq mill-post. B'dan li darba resaq lejn il-bieb ta' barra tal-post twaqqaf mill-gwardjan tal-istess fond u wara li ġie mistoqsi jekk kienx ħa xi ħaġa li kien ħiereġ biha mingħajr ma' ħallas għalija u nnega dan, ġie dirett f'kamra – *boardroom* – fis-sular ta' fuq, fiż-żona tal-uffiċini tal-istabbiliment tas-soċjeta' u hemm inżamm sakemm il-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* talab l-assistenza tal-pulizija li marru fuq il-post. Darba l-pulizija waslu fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* żvolġiet il-kwistjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri kif ukoll għal dawk numru 39/2017 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, dwar liema ngħatat deċiżjoni fl-istess ismijiet bħal ta' dawn il-proċeduri odjerni nhar it-30 ta' Ġunju, 2021.

Dan jirriżulta ċar kemm kemm mix-xhieda mogħtija mill-attur kif ukoll min dik mogħtija mil-gwardjan tal-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* – ċertu Khaled Abugrin – fil-proċeduri Kostituzzjonali msemmija[23] iżda wkoll mil-verżjoni mogħtija mill-attur lill-pulziija fir-rapport magħmul mil-gwardjan tal-istess stabbiliment fl-istess ġurnata tal-inċident – nhar l-4 ta' Jannar, 2017.[24]

Il-pulizija stess, fix-xhieda estensiva mogħtija fil-proċeduri Kostituzzjonali msemmija mill-Kuntistabbli PC 531 Jurgen Vella u PC 1532 Mario Caruana, kif ukoll mis-Surgent PS 1482 Bjorn Schembri[25] li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri odjerni, jispjegaw kif huma issejħu fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* nhar l-4 ta' Jannar, 2017 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, waslu, ltaqgħu mal-gwardjan tal-istess soċjeta' li wassalhom safejn kien miżmum l-attur fis-sular ta' fuq u hemm, wara li tkellmu mal-istess gwardjan, tkellmu mal-attur u bdew proċedura ta' tfittix fuq il-persuna tiegħu.

---

[23] Ref.: affidavit tal-attur eżebit fl-atti tal-proceduri Kostituzzjonali a fol 32 sa 34 u xhieda ta' Khaled Abugrin mogħtija fl-istess proceduri u traskritta a fol 39 sa 42.
[24] Rapport numru NPS2/C/27/2017 a fol 24 sa 26 fl-atti tal-process Kostituzzjonali.
[25] Ref.: traskrizzjonijiet fl-atti tal-proceduri Kostituzzjonali a fol 129 *et seq*, 141 *et seq*, u 27 *et seq* rispettivament.

Jidher għalhekk ċar li mil-mument li fih issejħu l-pulizija sabiex jattendu fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited*, dawn ħadu, kif kien mistenni li jiehdu, ir-riedni tal-proċess f'idejhom, u dan minkejja li l-gwardjan tal-istess soċjeta' baqa' preżenti tul l-inkontru tagħhom mal-attur sakemm ikkompletaw it-tfittxija li ddeċidew li jagħmlu fuq persuntu.

Dan sabitu wkoll il-Qorti Kostutizzjonali fil-proċeduri msemmija numru 39/2017, deċiżi fit-30 ta' Gunju, 2021, li ġew allegati ma' l-atti ta' din l-istanza fejn l-istess irriteniet:

> *Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li huwa ferm car mill-provi mressqa waqt il-prosegwiment tal-kawża li l-istabbiliment ma' kienx involut fl-istrip search.*
>
> *Dan laqnas m'huwa ikkontestat mir-rikorrent tant li fir-rikors promotur huwa ppremetta li "l-Pulizija ma kellhom qatt jipprocedu bl-istrip search". F'dan ir-rigward, għalhekk, din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li s-soċjeta' intimata* – f'dawk il-proċeduri din hija is-soċjeta' *Homemate Company Limited – m'hijiex il-legittimu kuntradittur fir-rigward tal-allegat trattament* [...] *relatat mal-istrip search.*[26]

Fil-fatt, anke fir-rikors promotur li bih beda dawn il-proċeduri, l-attur stess jippremetti li *hekk kif waslu l-pulizija dawn bdew il-procedura ta' tfitxija fuq persunt l-attur*[27] u jkompli li *l-aġir tal-pulziija kien abbuziv u illegali*[28] mingħajr ma' jittribwixxi wkoll xi aġir lis-soċjeta' *Homemate Company Limited*.

Il-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited,* fix-xhieda mogħtija minnu tul il-proċess Kostituzzjonali fil-fatt jinsisti li huma anqas ifittxu f'basket ta' klijent ma' jistgħu u li meta l-attur addirittura rrifjuta li jurihom il-karta tal-identita' tiegħu huma pproċedew sabiex talbu l-intervent tal-pulizija.

Tenut kont tal-fatt li ġie aċċertat, tramite x-xhieda tal-psikjatra kuranti l-attur, Dr. Joseph Spiteri, kif ukoll l-espert psikjatra maħtur minn din il-Qorti, Prof. Anton Grech, li l-attur, wara l-inċident tat-tfittxija li seħħet fuqu fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited*, għadu jsofri

---

[26] L-ahhar paragrafu fil-pagna 20 li jkompli fil-pagna 21 tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali liema pagni jigu in verso pagan tal-183 u a fol 184 tal-process tal-istess proceduri.
[27] Premessa numru 2.
[28] Premessa numru 3.

mil-kundizzjoni tal-*Post Traumatic Stress Disorder*, liema tfittxija saret unikament mil-pulizija u taħt struzzjonijiet tagħhom, inkluż fejn il-pulizija taw struzzjoni, kif xehdu u kkonfermaw l-uffiċjali tal-pulizija hawn fuq imsemmija, lill-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* sabiex jibqa fil-kamra fejn kienet qiegħda isseħħ tali tfittxija fuq l-attur; m'hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li r-responsabbilita' għall-akkadut u għall-kundizzjoni li minnha qiegħed b'riżultat tal-istess isoffri l-attur, għandha unikament taqa' fuq il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u ħadd aktar.

Il-Qorti hija konxja li fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti il-psikjatra kuranti l-attur jgħid li kemm iż-żamma tal-attur mil-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* kif ukoll it-tfittxija fuq persuntu magħmulha mill-pulizija setgħu kkontribwew għat-trawma li ħass l-attur u, konsegwentement, għal-kundizzjoni li issa jsofri minnha. Minkejja dan, l-espert psikjatra Prof. Anton Grech, maħtur minn din il-Qorti għal tali għan, ma' jħalli ebda dubbju li dak li minnu qiegħed isofri l-attur sorġa mill-aġir tal-pulizija waqt it-tfitxija fuq persuntu u xejn aktar. Jgħid fil-fatt *Mr. James Paul Formosa is suffering from Post Traumatic Stress Disorder following the inċident he had with the police in 2017.*[29]

Hawnhekk, il-konvenut jittenta jinsisti li l-aġenti tiegħu mxew skont id-drittijiet tagħhom u ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 suċċitat meta mexxew bit-tfittxija magħmulha minnhom fuq il-persuna tal-attur.

B'dan iżda li ħarsa lejn il-linja gwida dwar kif għandha titmexxa tali tfittxija, kif eżebiti mill-konvenut stess fil-proċeduri Kostituzzjonali b'nota tiegħu tad-9 ta' Ottubru, 2019,[30] turi mod ieħor.

Tali linji gwida gew ċċitati estensivamnet fid-deċiżjoni Kostituzzjonali deċiżi fit-30 ta' Ġunju 2021 u anke fin-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Din il-Qorti tosserva li minn qari akkurat ta' tali linja gwida jirriżulta ndubjament dak konkluż mil-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni surreferita ossia; li l-pulizija li ddiriġew it-tfittxija fuq il-persuna tal-attur naqqsu milli jsegwu l-linji gwida applikabbli kemm billi għaddew għal-tfittxija personali – *strip search* – li tmur oltre l-parametri ta' tfittxija sempliċi – *pat search* – billi saret waħda fejn ġiet rikjesta li l-attur jinża

[29] Ref. sezzjoni "E" tar-relazzjoni tal-espert psikjatra fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 121.
[30] Nota a fol 113 tal-atti Kostituzzjonali.

diversi indumenti minn fuqu u jikxef għalhekk partijiet intimi ta' ġismu, b'dan seħħ wara li l-istess pulizija straħu fuq il-verżjoni mogħtija lilhom mil-gwardjan tal-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* minflok l-ewwel ma' ifformaw l-opinjoni tagħhom dwar jekk kienx hemm suspett raġjonevoli ta' serq; kif ukoll billi kuntrarjament għal dak ritenut mill-liġijiet applikabbli; il-kamra fejn kienet qiegħdha isseħħ it-tfitxija fuq il-persuna tal-attur ma' kienitx biss okkupata mill-attur u minn aġenti tal-pulizija tal-istess ġeneru tiegħu iżda wkoll mill-gwardjan tal-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited*.[31]

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza ampja għal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2021.[32] Iżżid iżda li kuntrarjament għal dak li rriteniet l-istess Qorti Kostituzzjonali, ma' taqbilx li ksur ieħor tal-linji gwida dwar it-tfittxija magħmul mill-pulizija fil-każ in mertu meta għall-istess attendew tlett aġenti flok tnejn kif jirrekjedu l-istess linji gwida tali aġent żejjed kien ta' benefiċċju għall-attur.

Dan billi jirriżulta li tali aġent żejjed baqa' fil-kamra fejn kienet qiegħda issir it-tfittxija ma' l-aġenti l-oħrajn. Dan mentri jekk kien tajjeb li kien qiegħed hemmhekk preżenti bħala garanzija li ħadd mill-impjegati tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* ma' jidħol fl-istess kamra waqt il-perkors tat-tfittxija; tali uffiċjal żejjed seta' faċilment jipprovdi għassa mal-bieb tal-istess kamra kieku baqa fuq in-naħa ta' barra tal-istess bieb. Kif seta', *del resto*, għamel ukoll il-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited*.

Din il-Qorti tirribadixxi għalhekk li l-konvenut, tramite l-aġenti tiegħu li attendew għat-tfittxija tal-attur fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* kien l-unika persuna responsabbli għall-benessere tal-attur meta tali aġenti tiegħu ħadu l-kwistjoni minn id il-gwardjan tal-istess soċjeta' u ssoktaw bit-tfittxija fuq il-persuna tal-attur.

Ma' jiswiex li l-aġenti tal-konvenut li xehdu f'dawn il-proċeduri jinsistu li lill-attur ingħatatlu l-għażla li jew issir tfittxija personali fuq persuntu mill-ewwel b'dan li jkun jista' jitlaq mill-post f'qasir żmien jew li l-ewwel jiġu kkonsultati l-filmati tal-kameras ta' sigurta' li hemm fuq il-post tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* sabiex jiġi kkunsidrat jekk hemmx

---

[31] Ref.: *inter alia,* il-provizzjonijiet generali tal-linji gwida kif eżebiti fil-process Kostituzzjonali numru 39/2017 fil-paragrafi 5, 6, 11, 14, 15, 17 kif ukoll dawk in partikolari għall-i*strip search* in partikolari dawk elenkati fil-paragrafi numri 2, 3, u 5.
[32] Ref.: kunsiderazzjonijiet a pagna 44 sa 48 tal-istess.

suspett raġjonevoli ta' serq qabel ssir tfittxija fuq persuntu meta mit-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-inkontru waqt it-tfittxija fuq il-persuna tal-attur eżebita fl-atti tal-proċeduri Kostituzzjonali tali allegati għażliet ma' jirriżultawx li ġew mogħtija lill-attur.[33]

Kif sew ġie kkunsidrat mil-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2021 jidher li l-uffiċjali tal-pulizija ma' qalux il-verita' dwar dan b'tentattiv li jiskolpaw ruħhom mill-fatt li naqsu serjament meta ma' nsistewx li l-ewwel jaraw il-filmat qabel ma' jifformaw opinjoni dwar jekk kienitx neċessarja *strip search*. U dan jidher mill-fatt li minkejja li t-tlett uffiċjali li xehdu fil-proċeduri Kostituzzjonali, ossia l-Kuntistabbli PC 531 Jurgen Vella u PC 1532 Mario Caruana, kif ukoll is-Surġent PS 1482 Bjorn Schembri, li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri, jinsistu li tali għażla ngħatat lill-attur; kif diġa' ingħad l-istess ma' jirriżultax mit-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dak li seħħ waqt it-tfittxija nnifisha liema traskrizzjoni ġiet ukoll debitament iċċertifikata mill-espert tekniku Dr. Martin Bajada maħtur għal dak il-għan mil-Qorti Kostituzzjonali bħala waħda awtentika u mhux mittiefsa.[34]

Il-fatt li l-istess espert tekniku jgħid li r-reġistrazzjoni li minnha ttieħdet it-traskrizzjoni in kwistjoni għandha parti nieqsa fil-bidu u fit-tmiem tagħha ma' tnaqqas xejn min dan it-twemmin stante li l-parti minn x'ħin waslu l-pulizija fl-istabbiliment tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* sa x'hin itterminaw it-tfittxija tagħhom fuq il-persuna tal-attur tinsab kompleta u minn hemm ma' jirriżulta imkien li l-attur ġie mogħti xi drittijiet jew għażliet għajr li ingħad lilu li seta' jkellem avukat ta' fiduċja tiegħu u huwa rrisponda li kien, fil-fatt, diġa' kellem avukat.

Huwa għaldaqstant gjaladarba l-uffiċjali tal-pulizija ħadu huma f'idejhom il-kwistjoni tat-tfittxija, wara li il-gwardjan tas-soċjeta' *Homemate Company Limited* għamel dmiru u fejn kellu suspett ddetjena lill-attur iżda waqaf s'hemm u sejjaħ għall-pulizija sabiex imexxu huma proċedura ta' tfittxija, u; ġjaladabra l-istess uffiċjali tal-pulizija marru oltre l-jeddijiet mogħtija lilhom billi fuq ammissjoni tal-uffiċjali dakinhar preżenti waqt it-tfitxija,[35] huma ssoktaw b'tali tfittxija qabel iffurmaw opinjoni ndipendenti tagħhom dwar in-neċessita' ta' l-istess billi kkonsultaw ukoll il-filmati tal-kameras tas-sigurta' qabel ma' bdew u t-

[33] Ref.: traskrizzjoni tar-registrazzjoni tal-inkontru waqt it-tfitxija a fol 55 sa 58 tal-process Kostituzzjonali.
[34] Ref.: certifikat tal-espert tekniku a fol 100 sa 104 tal-process Kostituzzjonali.
[35] Ref.: traskrizzjonijiet tax-xhieda tal-aġenti PC 531 Jurgen Vella u PC 1532 Mario Caruana, kif ukoll PS 1482 Bjorn Schembri mogħtija fil-proceduri Kostituzzjonali kif ukoll ta' PS 1482 Bjorn Schembri mogħtija f'dawn il-proceduri.

terminaw tali tfittxija; din il-Qorti tikkonferma il-fehema tagħha li r-responsabbilita' għall-akkudat jaqa' prettament f'idejn il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħdud dan, u misjub allura li r-responsabbilita' għall-akkudat għandha tkun unikament merfugħa mil-konvenut Kummissarju tal-Pulizija; jibqa' sabiex din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

***Rigward id-danni, u l-likwidazzjoni tagħhom:***

Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, jibda sabiex jingħad li l-liġi tipprovdi dwar il-ħsara li persuna misjuba responsabbli għal inċident – id-danneġġjant – trid twieġeb għalija fil-konfront tal-persuna mġarrba – id-danneġġjat.

Dik il-ħsara tikkomprendi fiha dak it-telf futur effettivament ikkaġunat lid-danneġġjat minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant – *lucrum cessans* – kif ukoll l-ispejjes u t-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri d-danneġġjat b'riżultat tal-ħsara sofferta minnu – *damnum emergens*.

F'dan il-każ, għalkemm l-attur beda sabiex fir-rikors ġuramentat tiegħu premetta dwar kemm il-*lucrum cessans* kif ukoll id-*damnum emergens*;[36] għaddha mbagħad sabiex fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu ċċara li kien qiegħed jillimita t-talba tiegħu għal-*lucrum cessans*.[37]

Fil-materja ta' *lucrum cessans*, l-artikolu rilevanti huwa l-Artikolu 1045 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> **1045**. *(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf*

[36] Ref.: ir-raba' (4) premessa tar-rik. gur. fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 2.
[37] Ref.: l-ewwel paragrafu tal-parti "B" tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur liema parti tibda fil-pagna tal-istess nota li tinsab a fol 134.

*ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib* […]

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

Sabiex jiġu kkalkolati tali danni jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-eta' tal-attur fil-mument tal-inċident, dak li jissejjaħ *multiplier*, l-introjtu tal-attur, ir-rata tal-inflazzjoni, kif ukoll il-persentaġ ta' debilita' permanenti li minnha ibati l-attur per konsegwenza tal-inċident.

Jeħtieġ ukoll issir kunsiderazzjoni tat-tnaqqis dovut għal-fatt li l-ħlas ta' danni ordnat minn Qorti jsir bħala ħlas *lump sum*.

***L-eta' tal-attur fil-mument tal-inċident u l-multiplier:***

*L-eta':*

Dakinhar tal-inċident li seħħ fl-4 ta' Jannar, 2017, l-attur kellu 38 sena.

Dan stante li d-data tat-twelid tiegħu tirriżulta li hija dik tas-6 ta' Diċembru, 1979 kif ripurtata fir-rapport meħud mill-pulizija dakinhar stess tal-inċident[38] u tirriżulta wkoll mil-kopja tal-*EU Disability Card* tal-attur.[39]

*Il-Multiplier:*

Dwar il-*multiplier*, fid-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall,***[40] ġie ritenut:

*Hawnhekk għandna fattur pjutost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal zmien twil ibbazat fuq il-princippji enuncjati fil-kawża* ***Butler vs Heard*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawża ntqal li fid-determinazjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life" b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-*

[38] Ref.: it-tieni pagna tar-rapport numru NPS2/C/27/2017 li jinsab a fol 24 et seq tal-process Kostituzzjonali numru 39/2017.
[39] Kopja tal-imsemmija *card* tinsab a fol 109 tal-process Kostituzzjonali numru 39/2017.
[40] Citazz. Nru. 154/02FS.

*danneġġjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-hajja tagħha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.*

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikażzjoni tad-danni hija għalhekk dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti.[41]

Per konsegwenza, il-figura utilizzata għall-iskop tal-*multiplier* mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u l-anqas ma' dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Tant li dan kien wassal sabiex il-Qorti tal-Kummerċ fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-18 ta' April, 1963 fl-imsijiet ***Arthur George Lambert et vs Anthony Buttiġieg pro et noe*** rriteniet kif isegwi:

*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista jonqos minn mument għall-iehor anke għal kwalunkwe kawża materjali bhal mewt jew mard tad-danneġġjat.*

Similarment, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri nhar it-3 ta' Diċembru, 2004 fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Zammit*** intqal:

*Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan għaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi għar-rizarciment ta' danni l-ligi ma' tgħid xejn, għal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perijodu li għandu jiġi applikat għal fini tal-'multiplier' u anqas ma tgħid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneġġat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw il-mod kif għandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-ħsara kagunata u t-telf ta' paga jew qligħ iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni u għandhom jigu rizarciti in toto. Iżda fir-rigward ta' telf ta' qligħ li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' għal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap. 16 jiddisponi li "is-somma li għandha tigi mogħtija għal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-każ, u, b'mod*

[41] Ref.: *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' April, 2005 fl-ismijiet ***Paul Debono vs Malta Drydocks***.

*partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita', u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

*Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-gudikant. Il-ligi ma' tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – għalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal għal certa uniformita' fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Butler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant għandu jzomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni għal-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bhala 'lucrum cessans' – jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneġġat iżda wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawża d-dannu.*

Fuq dan, fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-27 ta' April, 2005 fl-ismijiet ***Paul Debono vs. Malta Drydocks***, ġie ritenut illi:

*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*

Similarment, il-ħsieb dottrinali tat-Torrente fejn jgħid:

*La valutazzione del danno puo' essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E giusto, pertanto, che al Giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*[42]

Il-Qrati nostrani fissru għalhekk li fil-kalkolu tat-telf tal-qliegħ ġejjieni m'hemm stabbiliti ebda regoli fissi li fuqhom Qorti trid ssejjes il-kunsiderazzjonijiet tagħha. Jehtieġ iżda li jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalkemm il-Qorti m'għandix tirrifjuta li tikkalkola kumpens minħabba l-element tal-imprevedibilita', għandha tqis b'moderazzjoni l-

[42] *Manual di Diritto Provato,* 11 ed., pag. 652.

ammont ta' kumpens tenut kont ta' l-element ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista jseħħ fil-futur.[43]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-18 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet ***Emmeline Cini vs. Antione Cachia***, ġie fil-fatt ritenut:

> *Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.*

F'dan id-dawl, il-*multipliers* adoperati mil-Qrati nostrani tul is-snin varjaw drastikament b'dan juri li mhux dejjem ittieħdet l-istess linja ta' ħsieb dwar il-*multiplier*.

Dan tant li fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-5 ta' Marzu, 1986 fl-ismijiet ***Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace***, dwar il-*multiplier* intqal:

> *In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-chances and changes of life. ... Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-25 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs. Joseph Bonello***, il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jithallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> *Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell,*

[43] Ref. id-deċiżjoni mogħtija nhar it-22 ta' Gunju, 1964 fl-ismijiet ***Petrie et vs Ciappara***, Kollezz. Vol.XLIII.i.364.

*22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikażżjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – 'Savona vs Asphar', Appell, 23.06.1952; u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell, 20.07.1994).*

Tali deċiżjoni segwiet dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civli ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2011 mogħtija fl-ismijiet ***James Spiteri vs Joseph Magro et*** fejn il-Qorti, hemm presjeduta mill-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, iddeċidiet li kien hemm bżonn ta' ċerta uniformita' rigward l-aspett tal-*multiplier* anke sabiex wieħed ikun jaf *a priori* l-kriterji applikabbli. L-Imħallef Farrugia Sacco sostna fil-fatt:

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament ġie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` tagħha [ara Bugeja vs Agius fuq imsemmija].*

*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita' f'dan l-aspett li naturalment jgħin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull każ trid tarah għalih iżda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistgħu jirreferu għalija tkun ta' utilita' kbira. Għalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taħt* […]

Dan l-insenjament wassal sabiex il-Qrati nostrani adottaw t-tabella mħejjija mill-Imħallef Farrugia Sacco bħala linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tad-danneġġjat.

Tali tabella ġiet iżda riveduta mill-Imħallef Farrugia Sacco stess fid-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta minnu nhar it-12 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet ***Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd***.

Din il-Qorti ma' thoss li għandha tiddipartixxi mill-insenjament tal-Imħallef Lino Farrugia Sacco, li għamel snin twal jiddeċiedi kawżi ta' dan it-tip, u anqas mit-tabella li provda lid-dinja legali nkluż il-ġudikatura bl-intiża li jkun hemm uniformita' f'kawżi bħal din odjerna.

Għaldaqstant, in linea mal-ġurispurdenza u d-dottrina *ivi* iċċitata kif ukoll mal-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-deċiżjoni tagħha ta' nhar it-12 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet ***Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd***, din il-Qorti sejra tħaddem ir-regoli mħaddma mil-Qrati nostrani solitament u tapplikhom għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Għalhekk, meta wieħed iqis l-eta' ta' l-attur fil-jum tal-inċident – 38 sena, u skont it-tabella li sservi ta' linja gwida kif riveduta; joħroġ xieraq li kkunsidrata l-*age bracket* li fiha jaqa' l-attur – dik ta' bejn 36 u 40 sena, għandu jiġi applikat *multiplier* ta' bejn 15 u 18.

Ladarba meta seħħ l-inċident l-attur kien jaqa' fin-nofs ta' din l-*age bracket*, din il-Qorti jidhrilha li l-*multiplier* li għandu jiġi adoperat huwa dak ta' sittax (16)-il sena.[44]

***L-introjtu tal-attur, ir-rata tal-inflazzjoni:***

Huwa risaput li spiss il-Qrati nostrani utilizzaw il-paga minima fejn ma' kienx faċli li tiġi stabbilita' xi figura oħra.

Dan mhux il-każ f'din il-kawża odjerna fejn l-attur eżebixxa FS3's għas-snin 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, 2021, u 2022.

Dawn ġew eżebiti f'diversi stadji tal-proċeduri odjerni mill-attur nniffsu, permezz ta' affidavit tiegħu,[45] mir-rappreżentant tal-Universita' ta'

[44] Ref. *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija nhar is-27 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet ***Marisa Higgins et vs Paul Bonnici et***, Rik. Gur. Nru. 1027/2000/1.
[45] Affidavit a fol 20.

Malta – datur tax-xogħol tal-attur – fix-xhieda mogħtija minnu f'dawn il-proċeduri nhar it-2 ta' Diċembru, 2022,[46] u b'nota tal-attur tal-10 ta' April, 2024.[47]

Minn hawn jirriżulta li fis-sena tal-inċident, ossia s-sena bażi 2017, l-attur kellu qliegħ ta' €18,891.89.[48]

Normalment ma' dan irid jiżdied l-għoli fil-paga applikabbli għal kull sena tal-*multiplier* b'dan iżda li f'dan il-każ l-attur provda wkoll l-FS3s għas-snin 2018 sa 2022 li juri l-awment fil-paga tiegħu kif elenkati fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu fal-paragrafu (iii) intoltolat "paga".[49]

Magħmula din il-kunsiderazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, ikun aktar xieraq li l-ewwel tinħareġ il-medja bejn id-dħul li kellu l-attur fis-sena tal-inċident – 2017 – u dik l-aktar reċenti kif jirriżulta mid-dokumenti – FS3s – in atti, ossia; dik għas-sena 2022, imbagħad issir il-komputazzjoni dwar l-għoli tal-ħajja, skont il-*multiplier* applikabbli f'dan il-każ.[50]

B'hekk ikunu ttieħdu in kunsiderazzjoni l-awmenti fil-paga li l-attur diġa' ipperċepixxa, inkluż dawk relattivi għar-rata tal-inflazzjoni.

Allura: €18,891.89 (sena 2017)[51] + €39,278.51 (sena 2022)[52] = €58,170.40 ÷ 2 = €29,085.20.

Fuq din is-somma ta' €29,085.20 isir l-aġġustament meħtieġ skont l-għoli tal-ħajja (29,085.20 x 0.7% (rata tal-inflazzjoni) x 16 (*multiplier*) = 3,257.54 + 29,085.20 = 32,342.74).

Minn hawn jinħadem mill-ġdid is-salarju medju (29,085.20 + 32,342.74 = 61,427.94 ÷ 2 = **€30,713.97**).

Dan huwa l-valur li sejjer jintuża għall-iskop tal-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans.*

---

[46] Traskrizzjoni a fol 53a *et seq*, FS3s isegwu.
[47] Nota a fol 126 *et seq*.
[48] Ref.: FS3 a fol 22
[49] Ref.: pagna tan-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-attur li tinsab a fol 135.
[50] Ref.: *inter alia*, il-ħsieb edott fid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell Civili Superjuri nhar il-14 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***Avv. Dr. Jonathan Abela noe vs Maria Spiteri et***.
[51] FS3 a fol 22
[52] FS3 a fol 128.

***Persentaġġ ta' debilita permanenti:***

Rilevanti għal-każ odjern huwa dak edott fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qort tal-Appell nhar il-15 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana*** fejn ġie ritenut:

> *Ma hemmx għalfejn jingħad li d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' għax-xogħol ta' l-individwu.*

F'dan il-każ odjern, m'hemmx kwistjoni dwar il-persentaġġ ta' debilita' fl-attur stante li l-istess ġie ripurtat mill-espert psikjatra maħtur għall-istess għan min din il-Qorti, il-Prof. Anton Grech, fir-relazzjoni tiegħu tas-27 ta' Lulju, 2023[53] fejn irretjena lil-attur qiegħed preżentement isoffri min debilita' ta' 8%. Dan ma' ġiex kontradett stante li anqas saret eskussjoni tal-espert psikjatra.

Għalkemm hawnhekk l-espert psikjatra juża l-kelma "preżentement" – *"at present"* fit-test tar-relazzjoni tiegħu li ġiet mħejjija bl-Ingliż, u għalkemm l-attur, mill-atti, jirriżulta li semmai żdied fil-paga mhux naqas; din il-Qorti trid tqies id-debilita' li minnha qiegħed isoffri l-attur bħala waħda permanenti u dan stante li kif anke jiddikjaraw l-istess espert psikjatra u l-psikjatra privat kuranti l-attur, Dr. Joseph Spiteri: fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-attur, stante li għaddew tant snin mill-inċident u għadu jsoffri mil-kundizzjoni tal-*Post Traumatic Stress Disorder*, din tista titqies bħala permanenti.

L-attur nniffsu fil-fatt jixhed li m'għadux jista jżomm *part-time job* filwaqt li jżid jgħid li l-attegjament tiegħu lejn xogħol li ma jaqax prettament taħt il-mansjonijiet mistennija minnu fuq il-post tax-xogħol kurrenti tiegħu huwa wieħed ta' evitazzjoni.

Magħdud dan, din il-Qorti anqas tħoss li hemm in-neċessita' li tiddipartixxi mill-konklużjon tal-espert psikjatra dwar id-debilita' ta' 8%.

---

[53] Relazzjoni a fol 119 *et seq.*

***Tnaqqis dovut għal-fatt li l-ħlas ta' danni ordnat minn Qorti jsir bħala ħlas lump sum:***

Stante li kumpens likwidat f'deċiżjoni bħal din odjerna jkun ta' somma li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli tiġi likwidata, għandu jsir tnaqqis li jagħmel tajjeb għal fatt li d-dħul ikun ser iseħħ qabel ma' kien ikun il-każ kieku mhux għall-inċident li wassal għal dak li ġara.

Dwar tali tnaqqis, fid-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet ***Joseph Agius et vs. All Services Ltd*** ġie ritenut:

> *F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

Fid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell Civili Superjuri nhar id-29 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Guzeppi Agius et vs Tarcisio Fenech*** ġie mbagħad ritenut li:

> *Jekk id-danneġġant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction.*[54]

Il-ġurisprudenza nostrana hija konkordi f'dan ir-rigward billi ssostni li kwalunkwe kambjament fil-persentagg tal-*"lump sum deduction"* għandu jirrifletti xi htija tad-danneġġjant meta jikkawża dewmien eċċessiv u mhux ġustifikat fil-proċeduri.

Din il-kwalifika hija meħtieġa billi jekk l-kawża tiehu ċerta żmien biex tigi deċiża u dana minħabba l-komplessita' tal-materja, kull tnaqqis simili jkun qiegħed jippenalizza lill-danneġġjant intortament a vantaġġ tad-danneġġjat.

Fil-każ in eżami l-inċident seħħ nhar l-4 ta' Jannar, 2017 u d-deċiżjoni qiegħda tingħata 'il fuq minn seba' snin wara.

---

[54] Iccitata wkoll fid-deczjonijiet mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet ***James Spiteri vs Joseph Magro et*** u f'dik tal-21 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Abigail Aquilina vs Mario Scerri***.

Dan id-dewmien m'huwiex attribwibbli lid-danneġġjant li, kif jirriżulta mill-atti relattivi, segwa ż-żewġ proċeduri adoperati mill-attur diliġentement, kemm dawk quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bin-numru 39/2017 li wasslu għad-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju, 2021 kif ukoll dawn odjerni li segwew l-istess billi ġew inizzjati fil-15 ta' Ottubru, 2021.[55]

B'dan li għalhekk din il-Qorti ma' tħosx li għandu jsir xi tnaqqis mill-persentaġġ ta' 20% applikabbli għall-fatt li l-ħlas isir f'daqqa.

***Komputazzjoni tal-valur ta' lucrum cessans:***

Magħdud dan kollu, din il-Qorti tista, kif sejra, tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* kif isegwi:

L-introjtu medju annwali ta' l-attur inkluż l-għoli tal-ħajja ġie kalkolat fil-valur ta' €30,713.97.

Sejjer jiġi adoperat *multiplier* ta' 16.

Il-grad ta' debilita' huwa dak ta' 8%.

Ser jiġi applikat tnaqqis stante pagament f'daqqa – *lump sum deduction* – fil-persentaġġ ta' 20%.

Allura:

30,713.97 [salarju medju] x 16 [*multiplier*] x 8% [grad ta' debilita'] = 39,313.88.

Tnaqqis ta' 20%: 39,313.88 – 7,862.78 = **€31,451.10**.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

55 Ref.: timbru tar-Registru tal-Qorti a fol 1 tal-process tal-kawża odjerna.

i. Tilqa′ l-ewwel (1) talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attur b′konsegwenza tal-inċident li seħħ fl-4 ta′ Jannar, 2017;

ii. Tilqa′ it-tieni (2) talba attriċi u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-valur ta′ wieħed u tletin elf erbgħa mija wieħed u ħamsin ewro u għaxar ċenteżmi ta′l-ewro (€31,451.10);

iii. Tilqa′ it-tielet (3) talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur tali somma ta′ wieħed u tletin elf erbgħa mija wieħed u ħamsin ewro u għaxar ċenteċmi ta′l-ewro (€31,451.10).

Bl-ispejjeż ta′ din il-kawża a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur